FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 5 ta' Lulju, 2002**

**Numru 17**

**Avviz numru 527/02JR**

**SMS Insurance Agency Ltd bhala rapprezentanti tas-socjeta` estera Ecclesiastical Insurance Office plc surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Eric Borg**

**vs**

**Anabeh Muniher**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Marzu, 2002, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u tmienja u tmenin lira Maltija u tmienja u tletin centezmu (Lm288.38), risarciment ta' danni risultanti minn incident awtomobilistiku li**

**gara fil-Marsa nhar il-21 ta' Lulju, 2001 meta waqt li l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura AAU-128 habtet mal-vettura EBA-368 proprjeta` ta' Eric Borg, ghal liema ncident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;**

**Oltre l-imsemmija danni, il-konvenut ghandu jhallas l-ispejjez ta' l-ittra ufficjali tas-7 ta' Dicembru, 2001, u dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma dan l-att ghan-notifika ta' l-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta bl-imghax legali.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma deherx pero` deher Daniel Wright ghas-socjeta` Untours Ltd li qal li s-socjeta` kienet ammettiet li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident.**

**Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata in kwantu l-assikurazzjoni tal-konvenut kienet qed tammetti t-tort, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u tmienja u tmenin lira Maltija u tmienja u tletin centezmu (Lm288.38), bl-imghaxijiet legali mill-5 ta' Marzu, 2002.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-7 ta' Dicembru, 2001, u dawk ta' l-ittra ufficjali presentata kontestwalment ma dan l-att ghan-notifika ta' l-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**